TERZ'ORDNI

# It-Tisħib fil-Fraternità Karmelitana

## *1. Żvilupp Storiku - Skeda 5*

**minn P. Charlò Camilleri, O.Carm.**

F'din l-iskeda għal-laqgħat ta' formazzjoni, se naraw ftit l-iżvilupp storiku tat-Terz'Ordni fil-Karmelu. Dan biex jgħinna nifhmu s-sejħa tagħna aħjar kif imfassal fir-Regula Karmelitana u l-espressjoni sekulari tagħha fir-Regula TOK. It-Terz'Ordni, jew l-Ordni Karmelitan Sekulari huwa forma partikolari ta' ħajja Karmelitana, li min iħaddnu jissieħeb f'assoċjazzjoni pubblika lajkali mxerrda mad-dinja mwaqqfa bi privileġġ appostoliku u bl-għan li l-imseħbin jimxu fit-triq tal-perfezzjoni nisranija b'sejħa partikolari li jiddedikaw ruħhom lil Alla għall-ġid tal-Knisja bil-Professjoni tar-Regula u f'xi każijiet ukoll tal-wegħdiet evanġeliċi (*Regula TOK*, 12-14).

"Ħafna drabi u b'ħafna manjieri" (*Regula Karmelitana*, 2) il-Mulej qajjem fil-Poplu ta' Alla forom ta' ħajja spiritwali mqanqlin mill-esperjenza, l-istil tal-ħajja u l-eżempju tal-Ħajja Reliġjuża, u b'mod speċifiku għalina tal-Kariżma Karmelitan. Fir-Regula ta' San Albert, il-Karmelu rċieva "triq tajba u qaddisa" (*Regula Karmelitana*, 20) li permezz tagħha jista' jimxi "wara Ġesù Kristu u jaqdih fedelment b'qalb safja u kuxjenza nadifa" (*Regula Karmelitana*, 2). Mill-għerq tal-ewwel eremiti fuq il-Karmelu matul il-mogħdija taż-żmien nibtu għamliet varjati ta' forom ta' ħajja li jwasslu għall-qdusija u jagħtu sehem fil-bini tal-Knisja bħala "ġebel ħaj".

L-ewwel approvazzjoni ġuridika min-naħa tal-Knisja ta' dawn il-forom ngħatat bil-Bulla Cum nulla tal-Papa Nikola V nhar is-7 ta' Ottubru 1452 u warajha bil-Bulla *Dum attenta* tal-Papa Sistu IV nhar it-28 ta' Novembru 1476. Minn dak iż-żmien, u saħansitra ġa sa mis-seklu tlettax, sa llum it-Terz'Ordni Karmelitan għadda u għadu għaddej minn bosta tibdiliet u żviluppi, u nsibu fih ukoll diversi forom u stili ta' għejxien tal-ħajja Karmelitana sekulari.

Filwaqt li jħarsu lejn il-mudelli ta' qdusija li bihom Alla żejjen l-Ordni tal-Karmelu, fosthom ukoll imsieħba fit-Terz'Ordni matul iż-żminijiet, it-Terzjarji msejħin għat-tisħib fil-fraternità huma marbutin ma' dawk li sa miż-żminijiet bikrija ngħataw lil Alla u lill-Imqaddsa dejjem Verġni Marija fit-Terz'Ordni bil-professjoni tal-wegħdiet evanġeliċi u li kienu jgħixu fi djarhom jew biswit il-kunventi tar-reliġjużi Karmelitani f'dipendenza minnhom, bit-treġija tagħhom u b'hekk ikunu msieħba iktar mill-qrib fil-ħajja u fil-missjoni tal-istess reliġjużi Karmelitani (Regula TOK, 11. Ara wkoll nota 18 dwar *l'altius moderamen*).

Diġà fl-1263 insibu lajċi li kienu jingħataw bis-sħiħ – *se et sua* – lill-Ordni. Kien minn dawn il-gruppi li żviluppa t-Tieni Ordni Karmelitan Klawstrali, it-Terz'Ordni Karmelitan Sekulari u f'xi każijiet reċenti forom tat-Terz'Ordni Karmelitan Regulari. Fiż-Żminijiet tan-Nofs, kemm irġiel kif ukoll nisa fittxew li jissieħbu mal-*Fraternitas* Karmelitana, jiġifieri mal-Patrijiet, f'diversi livelli ta' affiljazzjoni msejħa *Confraternitas* jiġifieri mseħbin 'mal-fraternità'. In-nisa kienu jissejħu *consorores* u jingħataw il-kappa l-bajda hekk li fl-Italja kienu jsejħulhom *mantellatae*. Magħhom insibu l-*conversae* u l-*oblatae* li kienu jagħmlu l-professjoni f'idejn il-Pirjol tad-dar u jingħataw kompletament lill-komunità Karmelitana f'ħajja stabbli permezz tal-vot tal-ubbidjenza u l-kastità. Dawn in-nisa kienu jħallu ġidhom lill-kunvent u mbagħad kienu jiddependu minnu għall-għejxien. Insibu fost dawn in-nisa lil Bonaventura di Misano (1283), lil Benvenuta Venturoli (1304), Diana Buzzadelli (1309), Santa Saluccio (1374), Bonuccia Sardi (1390), Beatice ta' Kastilja (1481),



*Il-Bulla "Cum nulla" tas-7 ta' Ottubru 1452 tal-Papa Nikola V, li permezz tagħha ta l-ewwel approvazzjoni ġuridika min-naħa tal-Knisja u hekk setgħu jinbtu fil-Karmelu għamliet varjati ta' ħajja li jwasslu għall-qdusija.*

Anjeże Tuespana (+1319). Tispikka fosthom dik li hija meqjusa l-fundatriċi tat-Terz'Ordni Karmelitan il-Beata Ġwanna ta' Tolosa (1220-1271) li ċaħdet in-nobbiltà u ħalliet ġidha fl-Ordni. Marbuta mal-kunvent ta' Tolosa bħala rekluża, f'idejha tħalliet il-formazzjoni spiritwali tan-novizzi rġiel.

Il-Provinċjal tal-Ingilterra Thomas Netter ta' Walden mexxa 'l quddiem it-tisħib mal-fraternità Karmelitana ta' dawn in-nisa li fl-Ingilterra kienu jgħixu bħala reklużi mal-kunvent. Jissemmew Emma Staplyton (+1422) f'Norwich, Alice Wabekeyn (+1426), Margaret Hawton, Agnes ta' Ipswich u Alice Grawnsell ta' Cambridge. Nisa reklużi nsibuhom ukoll Lovanju bħal Katerina ta' Borsbeke (+1406). Fil-Pajjiżi Baxxi nsibu l-istess fenomenu ta' nisa affiljati mal-Ordni fil-bidu ta' ... u fl-Italja wkoll, speċifikament ġewwa Firenze, xi wħud minn dawn in-nisa, Donna Innoċenza d'Arrigo Bartoli, Sara Lapaccini, bintha Lena u Anna de Davanzati nġabru f'komunità li għalihom inġiebet il-Bulla *Cum nulla* fl-1452 u minnhom imbagħad żviluppa t-Tieni Ordni Karmelitan bil-ħidma tal-Beatu Ġwanni Soreth (1384-1472) u l-Beata Franġiska D'Amboise (1427-1485).

Minkejja dan l-iżvilupp xorta baqgħet ħajja d-drawwa antika li t-Terzjarji jinġabru f'ħajja komuni taħt l-ubbidjenza tal-Pirjol u fl-għotja tagħhom infushom lill-Ordni. F'xi każi dan it-tisħib ġab miegħu fjoritura spiritwali u mistika li għaniet lill-Ordni kollu bħal fil-każ tal-Ven. Maria Petyt ta' Santa Tereża (1623-1677) li mmexxija mill-Ven. Mikiel ta' Santu Wistin (1621-1684) u taħt regula ta' ħajja miktuba minnu għexet fi proġett ta' ħajja komuni flimkien ma' Terzjarji oħra. Bl-istess mod sa miż-Żminijiet tan-Nofs fost l-irġiel insibu lill-Arċidjaknu Ferdinand Velásquez (1315) li għex għal 65 sena fil-kunvent ta' San Pablo de la Moraleja u lil San Nonju Alvarez Pereira (1397) li wara karriera militari mill-aqwa ġie affiljat mal-*fraternitas* bħala *semi frater*. Ma' dawn jiżdiedu l-benefatturi tal-Ordni li kienu jiġu affiljati miegħu b'radd ta' ħajr għall-ġid li għamlu u għall-għajnuna fit-twaqqif tal-kunventi. Insemmu hawnhekk lil San Edwardu I u Enriku Duka ta' Lancaster. Minn dawn ħarġu l-Konfraternitajiet tal-Madonna tal-Karmnu li għadhom sal-lum. Insibu wkoll fl-istess żmien każijiet ta' koppji li kienu jiġu affiljati mal-Ordni bħal Bruno u Julia Bunregassen, Salvino u Bartolomea degli Armati.

F'Malta wkoll kellna minn dawn in-nisa Terzjarji. Uħud minnhom għamlu isem għalihom u għall-Ordni bħal Sor Maria de Domenici (1645-1703) pinzochera Karmelitana minn Bormla u alljeva ta' Mattia Preti li siefret Ruma u ssieħbet flimkien ma' Terzjarja oħra biswit il-Karmelitani fi Traspontina fejn ħalliet xi opri u hemmhekk hija midfuna.

*(Ikompli fil-ħarġa li jmiss.)*

**Benefatturi fis-sema**

**Robert Ferrante,
ħu Patri Karm,
li miet fis-7 ta' Novembru 2020,
fl-għomor ta' 80 sena.**

**Antonia Spiteri,
oħt P. Robert u P. Ġużepp Farrugia,
li mietet fit-3 ta' Jannar 2021,
fl-għomor ta' 75 sena.**

**Agħtihom O Mulej
il-mistrieħ ta' dejjem.**